# Innu lil Sidtna Marija tal-Għar

## (FIL-KUNVENT TA' S. DUMINKU TAR-RABAT)

Bħalma tfajjel bil-fehma li jaqla'
  Jitlob xewqtu lil ommu fid-dar,
  Aħna, wliedek li nemmnu fi Mħabbtek,
  Niġu għandek, Madonna tal-Għar,

Għaliex nafu, o Marija, li jinbet
  Ward il-Ħajr kull fejn jirfsu riġlejk,
  U Ħajr tfisser id-daħka ta' fommok,
  Ħlewwa tfisser il-ħarsa t'għajnejk.

* * *

Meta xebba fil-għar minn ta' Betlem
  Int sirt omm bla ma tlift l-ewwel ġieħ,
  U sar ibnek dak Alla li ħalqek,
  U rawk l-anġli demm sidrek tagħtih,

F'nofs ta' lejl kollu dija ta' kwiekeb
  Stama' l-leħen ta' ħajr is-Smewwiet,
  U fuq l-għera li nisslet il-ħtija
  Ta' Riżq Alla ġew l-ogħna ħlewwiet.

* * *

U qatt iżjed, Omm ħelwa Marija,
  Ta' ħninietek ma nixfet il-għajn :
  Kull min emmen u talab u tama
  Sab ta' mħabbtek miftuħa d-dirgħajn :

Tixhdu Lourdes, jixhdu l-Għar fejn tas-Saħħa
  Fawwar l-ilma mill-iebes ta' l-art,
  Fejn ta' qalbek ftaħt beraħ is-satra,
  Fejn it-Tempju tal-Għaġeb sawwart.

* * *

Għalhekk aħna li nafu kemm Alla
  Ried iżejnek bil-qawwa, bil-ġieħ,
  Biex minn idek fuq ġensna jitqassam
  Tal-Għid tiegħu kull għoti sabiħ,

Qalb in-niket ta' ħajja bla faraġ,
  F'din is-siegħa ta' biki, ta' mrar,
  B'emmna sħiħa li titlob u titma
  Niġu għandek, Madonna tal-Għar.

DUN KARM.